## 18 ta' Ġunju, 1955

**Imħallef:**
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija *versus* Mario Cassar

**Falsifikazzjoni — Uffiċjal Publiku — Piena — Interdizzjoni — Art. 197 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Fid-delitti kollha ta' falsifikazzjoni kommessi minn impjegat jew uffiċjal publiku, il-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa għandha dejjem tiżdied mal-piena stabbilita għad-delitt.*

*Din id-dispożizzjoni tal-liġi hija preċettiva, u mhux fakoltattiva; u għalhekk il-Qorti għandha dejjem tapplika l-piena tal-interdizzjoni.*

Il-Qorti — Rat ir-rinviju ta' l-Attorney General tal-25 ta' April 1955. li biħ l-attijiet tal-kumpilazzjoni magħmula kontra l-imputat ġew mibgħuta lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta biex tiddeċidi fuq il-ħtijiet li jistgħu jirriżultaw, kwantu għall-imputat Mario Cassar, taħt dak li hemm maħsub fl-art. 196, 197 u 139, tal-Kodiċi Kriminali, ċjoè ta' falz innominat aggravat imħabba l-kwalifika ta' uffiċjal pubbliku;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni fuq imsemmija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' Mejju 1955, li biha sabet lill-imputat Cassar ħati tar-reat ta' falsifikazzjoni ta' liċenza, aggravat bil-fatt talli, bħala uffiċjal pubbliku, kellu jirreprimieħ; u wara li rat l-art. 196, 197, 139, 49, 32 (1) (b) (xiii) (xii) (xi) (x) tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-imsemmi Cassar, reċidiv, għall-piena ta' lavuri furzati żmien ħames xhur;

Rat ir-rikors, li biħ il-Prosekuzzjoni appellat minn din is-sentenza kwantu għall-imputat fuq imsemmi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-appell hu bażat fuq id-dispost tal-art. 197 Kap. 12, li jgħid li fid-delitti kollha ta' falsifikazzjoni kommessi minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, il-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa għandha dejjem tiżdied mal-piena stabbilita għad-delitt;

Dan id-dispost hu preċettiv, mhux fakoltattiv; u għalhekk ma setgħetx ma tiġix applikata l-piena fuq imsemmija tal-interdizzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell tal-Prosekuzzjoni, fis-sens li mal-piena restrittiva tal-libertà personali nflitta mill-Ewwel Qorti għandha tiżdied dik tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa;

Il-Qorti tordna li ssir il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern skond il-liġi.